**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 29 – IT-TNEJN, 9 TA' JANNAR 2012 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |

### 1 Approvazzjoni Minuti Numru 27

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Approvazzjoni Minuti Numru 28

2.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 3 Pagamenti Numru 56

3.1 Numru 37, 39, 40 għandhom jiġu ivverifikati li l-ammont huwa korrett, kif ukoll flimkien mat-38 għadhom jiġu ikkommunikati minħabba li l-isem fuq l-*invoice* mhuwiex skont il-kuntratt iffirmat.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie deċiż li naċċettaw it-talba tal-Fexserv biex issir *talk* rigward l-investimenti. Għandha ssir talba lill-klabb tal-banda biex tintuża s-sala.

4.2 Ġie deċiż li ma naċċettawx l-offerta għal servizzi ta' San Ġwann 360 degrees.

4.3 Saret diskussjoni fuq Memo 122/2011 rigward skema ta' restawr. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponijiet il-Kappella ta' San Ġwann ta' Għorgħar. Is Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.4 Saret diskussjoni rigward Ġnien Misrah il-Ward. Ġie deċiż li jsiru l-preparamenti biex tinbidel is-sistema ta' dawl f'dan il-ġnien. Għandha toħroġ sejħa għall-Konsulenza ta' *Engineer* għal dawn ix-xogħlijiet.

4.5 Għandha ssir bozza ġdida fi Triq l-Arznu, 3 fi Triq tal-Balal u oħra fi Triq Torri Ruman.

4.6 Għandha tinxtara bandiera ta' kwalità għolja biex din tkun tista' tingħata lill-persuna distinti meta ssir xi żjara. Għandhom wkoll jinxtraw bnadar ta' kwalità inqas biex jintużgħu kuljum.

4.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li hu ġie mogħti 6600 Ewro għall-iskema Aċċessibilità aħjar fil-lokalitajiet.

4.8 Għandhom jitwaħħlu sinjali mal-entratura ta' kull ġnien fejn hemm *playing equipment* biex juru li f'dan il-post huwa projbiet it-tipjip, skont il-liġi l-ġdida.

4.9 Ġie deċiż li jinxtraw żewġ *computers*. Għandha tinħareġ sejħa.

4.10 Ġie deċiż li ż-żewġ skrivani li ġew ingaġġati mill-Kunsill mill-1 ta' Jannar ikunu skala 15 notch 3.

4.11 Ġie deċiż li jinxtraw siġġijiet għall-użu tal-*istaff* kif ukoll 2 seater set u *coffee table*. Ġie ivvutat 1000 Ewro għal din l-ispiża.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 Saret diskussjoni rigward is-*soft area* fi Triq is-Sardinell. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li tiġi rranġata parti minn din is-*soft area* biex titneħħa ponta biex il-karozzi jkunu jistgħu jduru aħjar. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Għandu jsir *refund* ta' 20 Ewro lis-Sur David Dalli u lis-Sinjura Joan Farrugia minħabba li kellhom joħorġu dan l-ammont biex is-somma tkun 500 Ewro.

5.3 Għandu jitkompla l-ħidma fuq il-websajt.

5.4 Għandha tingħata tifkira lill-Isqof meta jagħmel iż-żjara tiegħu f'San Ġwann.

5.5 Għandha tintbagħat ittra lir-residenti biex ninfurmawhom li l-iskips għall-iskart domestiku se jitneħħew u li s-servizz ser ikun *door to door*.

5.6 Is-Sur Neville Mallia ippropona li titdjieq il-bankina li hemm fi Triq Caruana Dingli biex it-triq titwessa. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Għandha issir talba lil Transport Malta.

5.7 Saret laqgħa mas-Sur Herman Galea tal-PARKs li dalwaqt se jinbeda x-xogħol fi Triq l-Istefanotis. Għandha tinbagħat ittra lir-residenti qabel ma jibda dan ix-xogħol.

5.8 Għandha ssir talba lill-ETC għall-iskema tal-ħaddiema.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |